MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Appell Civili Numru. 57/2012/1

**GRAND HOTEL EXCESLIOR LIMITED**

**Vs**

**RAYMOND STEER CHETHAM, JANE STEER CHETHAM, PAUL DEGAETANO, JOSIENNE DEGAETANO, JENNIFER FARRUGIA, EUGENIO FARRUGIA bhala gestuturi fil-kummerc ta' RS and PARTNERS u ROY STEER bhala manager ta'l-istess ditta.**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tas-17 ta' Gunju 2013, fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti:-*

*Rat l-avviz ipprezentat fis-16 ta' Frar 2012 kontra l-intimati mis-socjeta rikorrenti fejn l-istess socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lill-intimati ihallsuha s-somma ta' seba' t'elef, seba mija u tnejn u sittin Euro, u erbghin centezmu (€7,762.40) import ta' akkomodazzjoni fil-lukanda Grand Hotel Excelsion u servizzi ohra relatati ma' l-istess pprovduti mis-socjeta intimati lilhom fuq inkarigu u struzzjonijiet taghhom stess. Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-hlas effettiv, u bl-ispejjez tal-ittra interpellatorja tat-23 ta' Awisssu 2010 kif ukoll tal-ittra ufficjali numru 3534/2010 tal-4 ta' Settembru 2010.*

*Rat illi fil-21 ta' Marzu 2012 Roy Steer Chetham ipprezenta risposta fejn stqarr illi huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur u kienu Jennifer Farrugia, Paul Degaetano, Josienne Degaetano u Ray Steer Chetham li kienu qed jorganizzaw l-attivita. Ossija kuncert ta' Rod Stewart, filwaqt illi sahaq illi t-talbiet huma inforndati fil-fatt u fid-dritt.*

*Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra kollha pprezentata fit-30 ta' April 2012 fejn stqarru, preliminarjament, li Jane Steer Chetham u Eugenio Farrugia ma humiex gesturi tad-ditta RS & Partners u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-oservanza tal-gudizzju filwaqt illi sahqu lkoll illi Roy Steer Chetham ma kellu ebda rappresentanza legali tad-ditta RS and Partners u ghalhekk ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn is-socjeta rikorrenti u d-ditta RS and Partners. Finalment, il-konvenuti sahqu li l-ammont ma huwiex dovut peress illi l-ftehim kien iffirmat bejn is-socjeta attrici u Roy Steer Chetham u huwa responsabbli ghall-hlas, jekk dovut.*

*Rat illi fis-7 ta' Settembru 2012 il-konvenuti kollha salv Roy Steer Chetham ressqu eccezzjoni ulterjuri fis-sens illi l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-artikolu 2147 (b) tal-Kap 16.*

*Rat illi fil-21 ta' Dicembru 2012, il-konvenut Roy Steer Chetham ukoll ressaq eccezzjoni ulterjuri fis-sens illi l-azzjoni hija preskritta a tenut tal-artikolu 2147 (b) tal-Kap 16.*

*Rat illi fit-22 ta' Ottubru 2012, il-kawza giet differita ghal provi u decizjoni fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-konvenuti.*

*Rat l-ittra ufficjali ippresentata mis-socjeta rikorrenti lill-konvenuti fl-14 ta' Settembru 2010.*

*Rat l-affidavit ta' Norbert Grixti ipprezentat fit-28 ta' Dicembru 2012 flimkien mad-dokumentazzjoni hemm esebita*

*Rat l-affidavits ta' Jennifer Farrugia, Eugenio Farrugia, Paul Degaetano, Josienne Degaetano, Ray Steer Chetham u Jane Steer Chetham fejn lkoll kkonfermaw illi huwa qatt ma gew notifikat bl-ittra ufficjali datata 14 ta' settembru 2010.*

*Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijet, illi saret fit-8 ta' Marzu 2013.*

***Ikkunsidrat***

*Illi mill-provi prodotti, jirrizulta illi kien qieghed jigi organizzat kuncert f'Awissu 2010 tal-kantant Rod Stewart, liema kantant, flimkien mal-entourage tieghu, kienu ser joqghodu ghal bejn l-1 u l-4 ta' Awissu 2010 gewwa il-Hotel Grand Excelsior, Floriana.*

*Illi jirrizulta li fil-21 ta' Lulju 2010, gie iffirmat ftehim bejn Michael Grima, Sales Manager tas-socjeta rikorrenti, u Roy Steer bhala 'Sales & Marketing Consultant', fejn numru ta' kmanar fil-Hotel Grand Excelsion gew riservati fuq prezz illi kien miftiehem bejn il-partijeit, li parti mill-prezz kellu jithallas billi jinghaddew numru ta' biljetti tal-kuncert illi kien ser jaghmel Rod Stewart.*

*Illi jirrizulta li, ghalkemm Roy Steer indikat bhala Sales & Marketing Consultant, huwa indikat ukoll b'mod traskritt bl-idejn, bhala "appearing on behalf of RS and Partners".*

*Illi jirrizulta li wara il-kuncert, kellu jsir il-hlas mitlub fil-kawza odjerna, izda tali hlas qatt ma sar u ghalhekk, fl-14 ta' Settembru 2010, intbghatet ittra ufficjali lill-konvenuti sabiex dawna jghaddu ghal hlas.*

*Illi jirrizulta li l-ittra ufficjali intbghatet lill Roy Steer kemm personalment kif ukoll bhala prokuratur tad-ditta RS and Partners.*

*Illi jirrizulta ukoll, mill-atti kollha tal-Ittra Ufficjali numru 3534/10 ipprezentati mir-Registratur tal-Qorti, illi l-ittra ufficjali qatt ma giet notifikata personalment lill-konvenuti u sussegwentement giet notifikata*

*lil min kienet indirizzata permezz ta' pubblikazzjoni u affissjoni u dana billi saret affissjoni taghha fl-14 ta' Dicembru 2010 fl-indirizz personali ta' Roy Steer, fl-Ghassa tal-Pulizija kif ukoll fil-Kunsill Lokali tal-Mosta flimkien mal-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern tal-4 ta' Frar 2011*

*Illi jirrizulta ukoll illi Raymond Steer Chetham, Jane Steer Chetham, Paul Degaetano , Josienne Degaetano , Jennifer Farrugia , Eugenio Farrugia qatt ma gew notifikati bl-ittra ufficjali.*

*Illi finalment, jirrizulta illi l-kawza odjerna giet intavolata fis-16 ta' Frar 2012*

***Ikkunsidrat***

*Illi, a tenur tal-Artikolu 2147 (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-azzjonijiet "tas-sidien ta' lukanda, tverna jew allogg ghall-allogg u ghall-ikel li jaghtu" huma soggetti ghal preskrizzjoni ta' sena.*

*Illi jirrizulta skond l-Artikolu 187 (3) tal-Kap 12 illi meta persuna ma jistax jigi notifikat, "il-Qorti tista tordna illi n-notifika ssir billi titwahhal kopja tal-att fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinhargu fil-qosor fil-Gazzetta (tal Gvern) u f'gurnal wiehed jew iktar minn wiehed".*

*Illi mill-provi u dokumentazzjoni kollha esebita quddiem dina l-Qorti, jirrizulta illi s-servizz illi tieghu s-socjeta attrici qieghda tippretendi hlas huwa dak relatat ma prezz ta' allogg u servizzi ohra relatati ma tali allogg, u ghalhekk huma kolpiti mill-preskrizzjoni ta' sena. Il-fatt illi parti mill-prezz kien ser jigi skontat ma' tickets ghal kuncert li kien qieghed jigi organizzat ma jfissirx illi s-servizz moghti mis-socjeta rikorrenti ma kienx wiehed ta' allogg, u ghalhekk ma tista tigi mqajjma ebda oggezzjoni ghall-eccezzjoni tal-eccezzjoni imqajjma mill-konvenuti.*

*Illi mill-provi kollha jirrizulta ukoll illi Raymond Steer Chetham, Jane Steer Chetham, Paul Degaetano, Josienne Degaetano, Jennifer Farrugia, Eugenio Farrugia qatt ma gew notifikat b'ebda interpellazzjoni gudizzjarja salv wara il-ftuh tal-proceduri odjerni fis-16 ta' Frar 2012.*

*Illi jirrizulta ukoll illi l-konvenut Roy Steer gie notifikat bl-interpellazzjoni gudizzjarja b'affissjoni fl-indirizz tieghu, fl-Ghassa tal-Mosta u fil-Kunsill Lokali tal-Mosta fl-14 ta' Dicembru 2010 u permezz ta' pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fl-4 ta' Frar 2011. Imkien ma giet prodotta prova illi saret publikazzjoni f'gurnal ta' kulljum kif tenhtieg l-artikolu 187 (3) tal-*

*Kap 12. Ghalhekk, l-konvenut Roy Steer ghandu jitqies illi gie notifikat kif trid il-Ligi meta huwa gharaf li kien hemm l-proceduri odjerni kontra tieghu, liema proceduri inbdew fis-16 ta' Frar 2012 u li ghalihom, ghalkemm kien ghadu mhux notifikat Roy Steer, huwa ghamel l-eccezzjonijiet fit-12 ta' Marzu 2012.*

*Illi, tenut kont ta' dawna il-kosniderazzjonjiet, jirrizulta illi l-konvenuti kollha gew notifikati kif trid il-ligi bil-pretensjoni ghal hlas ta' allogg da parte tas-socjeta attrici wara illi giet ipprezentata il-kawza odjerna fis-16 ta' Frar 2012.*

*Illi, peress illi s-servizz gie res bejn l-1 u l-4 ta' Awissu 2010 u dawna huma suggetti ghal-perjodu ta' preskrizzjoni ta' sena, jirrizulta car illi l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2147 (b) tirrizulta ippruvata*

***Konkluzjoni***

*Il-Qorti ghalhekk,*

*Wara illi rat il-provi prodotti u rat x-xhieda*

*Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi*

*Tilqa' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2147 (b) tal-Kap 16 imqajjma mill-konvenuti kollha u ghalhekk*

*Tichad it-talba attrici*

*Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a karigu tas-socjeta rikorrenti."*

Bl-appell minnha introdott fil-konfront tas-sentenza appellata li iddikjarat l-azzjoni attrici preskritta a tenur ta'l-artikolu 2147(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, is-soċjetà rikorrenti Grand Hotel Excelsior Limited qieghda tilmenta illi l-Ewwel Qorti malament applikat dina id-disposizzjoni preskrittiva ghall-azzjoni u cioe' dik qasira ta' sena, billi fil-fehma taghha l-ftehim milhuq bejnha u l-intimati permezz ta' skrittura datata 21 ta' Lulju 2010 kien att tal-kummerc u mhux semplici servizz ta' allogg f'lukanda u kwindi kellha tapplika il-

preskrizzjoni kwinkennali kif prevista fl-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Fin-nuqqas l-artikolu 2147(b) ghandu japplika fid-dawl ta’ dak dispost fl-artikolu 2151 tal-Kap.16 li jestendi il-perijodu ta’ sena indikat fl-artikolu 2147 ghal hames snin. Is-socjeta appellanti tilmenta mill-fatt illi ghalkemm tali sottomissjonijiet gew imressqa in prim’istanza, is-sentenza impunjata, madanakollu ma issemmi xejn dwar dina il-linja difensjonali.

Illi l-intimati kienu il-promoturi u organizzaturi tal-kuncert tal-kantant Rod Stewart li inzamm f’Malta f’Awwissu tas-sena 2010. Ghal dan il-ghan huma dahlu fi ftehim mas-socjeta appellanti li kellha tipprovdi s-servizz ta’allogg fil-lukanda Excelsior kemm ghall-kantant kif ukoll ghall-*entourage* kollu tieghu. Fil-fatt gie iffirmat ftehim f’dana is-sens fil-21 ta’ Lulju 2010. Sussegwentment inharget fattura datata 12 ta’ Awissu 2010 u dan ghas-servizz ipprovdut bejn it-22 ta’ Lulju 2010 u l-5 ta’ Awissu 2010. Jidher illi kien hemm bilanc lil baqa’ ma thallasx u kwindi fis-16 ta’ Frar 2012, is-socjeta appellanti intavolat il-proceduri odjerni in konnessjoni ma’l-istess. Johrog ukoll mill-atti probatorji illi parti mill-hlas sar bi tpartit ma’ numru ta’ biljetti ghal dan il-kuncert liema prezz ta’ biljetti allura inqata’ mill-ammont dovut. Dana dejjem skond il-ftehim milhuq bejn il-partijiet tal-21 ta’ Lulju, 2012.

Illi s-socjeta appellanti ghalhekk tishaq illi in-negozju guridiku taht il-lenti tal-Qorti kien ftehim kummercjali milhuq minn entita kummercjali, bhala organizzaturi tal-kuncert ta’ Rod Stewart mas-socjeta appellanti u dana sabiex jigi moghti servizz ta’ allogg. Tali ftehim allura kien wiehed purament ta’ natura kummercjali tant illi gie miftiehem illi parti mill-prezz kellu jigi pacut bl-ghoti ta’ numru ta’ biljetti ghal kuncert u illi is-socjeta appellanti kellha tkun “*the exclusive main sponsor of the event*.” Kwindi l-hlas li qed jintalab permezz tal-presenti istanza huwa hlas ghal kreditu gej minn operazzjoni kummercjali

liema azzjoni taqa' biss bid-dekors tal-hames snin a tenur ta'l-artikolu 2156(f) tal-Kap.16. Tikkontendi illi it-termini qosra ta' preskrizzjoni ma ghandhomx japplikaw ghal relazzjonijiet kummercjali ta' bejn *tour operators* u kuntrattur, izda ghal servizzi moghtija ghal ghoti ta' servizzi zghar u specifici fejn il-valur tat-talba allura ikun wiehed baxx.

Illi f'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Dolmen Complex Limited vs Intramed Limited**[1] gie deciz fuq domanda simili ghal dik maghmula mis-socjeta appellanti fil-kawza odjerna, u dana b'referenza ghall-artikolu 2147(b) tal-Kapitolu 16, illi:

***"Dan l-artikolu jippreskrivi l-azzjoni tas-sidien ta' lukanda, taverna jew alloġġ, għall-alloġġ u għall-ikel li jaqgħu bit-terminu ta' sena.***

***.... r-relazzjoni guridika bejn il-partijiet mhix wahda ta' lukandier li qed ifittex il-hlas ghall-okkupazzjoni tal-kmamar, imma hija wahda kummercjali fejn il-kumpanija attrici ntrabtet li zzomm numru ta' kmamar bhala guaranteed rooms fil-lukanda Dolmen Hotel u s-socjeta` konvenuta ntrabtet li thallas ghal dawn il-kmamar sew jekk timlihom sew jekk jibqghu vojta.***

***Dan l-artikolu ghalhekk ma japplikax ghall-kaz odjern ...."***

Illi huwa minnu illi fl-avviz promotur is-socjeta appellanti qieghda tfittex ghal bilanc ta' prezz dovut in konnessjoni ma' servizzi ta' akkomodazzjoni u servizzi ohra ancillari ipprovduti lill-intimati, madanakollu l-istess talba ghandha il-fondament taghha f'kuntratt ta' natura purament kummercjali milhuq bejn il-partijiet u cioe' bejn socjeta kummercjali li tiggestixxi lukanda u ditta kummercjali jew ahjar *partnership* li kellha bhala l-ghan taghha ta' negozju l-organizzazzjoni ta' kuncert muzikali ta' kantant popolari fejn fost affarijiet ohra kellha tara illi jigi ipprovdut akkomodazzjoni ghal kantant u l-*entourage* kollu

[1] Deciza 24/02/2014

tieghu. Is-servizz kwindi ma giex ipprovdut direttament lill-intimati, ghaliex allura l-artikolu tal-preskrizzjoni sollevat kien ikun applikabbli, izda is-servizzi kienu jiffurmaw parti minn ftehim kummercjali fejn gew pattwiti kundizzjonijiet ohra bhal per ezempju t-tpacija ma’ biljetti tal-kuncert u ukoll kundizzjoni ohra fejn l-intimati intrabtu bhala organizzaturi ta’ dana l-kuncert illi jippromwovu is-socjeta appellanti bhala ***the main sponsor of the event***. Fid-dawl ta’ dawn ic-cirkostanzi, allura l-vertenza migjuba ghal gudizzju tal-Qorti mhijiex wahda semplici ta’ ghoti ta’ servizz ta’ allogg kif previst fl-artikolu 2147(b), izda ftehim kummercjali bejn zewg kummercjanti li kellu bhala l-bazi tieghu l-ghoti ta’ dan is-servizz. Jghid hekk Norbert Grixti, General Manager tas-socjeta appellanti fix-xhieda tieghu, liema xhieda ma gietx kontradetta mill-intimati:

“***.... gie milhuq ftehim bil-miktub ta’ sponsorship bejn il-Grand Hotel Excelsior u l-organizzaturi sabiex il-lukanda tipprovdi numru ta’ kmamar fil-lukanda ghall-perijodu ta’ bejn l-1 ta’ Awwissu 2010 sat-03 ta’ Awwissu 2010 li kienu jiswew is-somma ta’ €22,914. F’dan lis-Sponsorship Agreement pero’, il-prezz tal-kmamar gie ridott ghall-ammont ta’ €5,490 u d-differenza ta’ €16,974 kellhom jinghataw lilna mill-organizzaturi f’biljetti ghal kuncert.***” Dan huwa rifless fil-ftehim esebit in atti u immarkat Dokument C.

Illi allura l-Qorti tara illi is-socjeta appellanti ghandha ragun fl-ilment taghha. Kwindi ma hemmx dubju illi l-azzjoni odjerna taqa’ bil-preskrizzjoni kwinkennali li certament ma kenitx ghadha iddekorriet meta giet intvaolata l-azzjoni odjerna.

“**Illi, kif inghad iżjed ‘il fuq, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jeżisti xi dubju dwar l-applikabilita’ taż-żmien preskrittiv minn dak li jirriżulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra eccipjent. Dan ma jfisser bl-ebda mod li l-attur**

**huwa mehlus milli jressaq provi konvincenti fl-istadju tal-provi fil-mertu, biex isejjes l-allegazzjonijiet tieghu. ...**

**Illi bilkemm ghandu ghalfejn jinghad li l-preskrizzjoni (specjalment dik tax-xorta li toqtol il-process) hija istitut li, min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi u jitfisser dejjem b'mod li ma jgibx fix-xejn il-ghan illi ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni.**"[2]

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell u b'hekk tirrevoka s-sentenza appellata li laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni eccepita. Tirrinvija l-atti lill-Ewwel Qorti biex hemm tkompli tigi trattata u definita l-kawza fuq il-mertu taghha u fl-ambitu tal-eccezzjonijiet l-ohra sollevati.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-intimati appellati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] Stencil Pave (Malta) Ltd. Vs Dr. Maria Deguara noe. (PA 30/10/2003)